MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2006

Numru 1263/2006

Il-Pulizija
(Sp Jesmond J. Borg)
vs
Priviledge k/a Stephen Mupimhidzi, iben Patrick, imwieled Zimbabwe fl-14 ta' ottubru, 1986
u
David Joseph Gauci, iben Paul, imwieled Pieta' fl-20 ta' awissu, 1987
u
Etienne Micallef, iben Anthony, imwieled Birkirkara fit-23 ta' frar, 1975

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputati –
a. talli fit-28 ta' novembru, 2006 għal ħabta tas-1.00 p.m., fi Triq l-Istazzjon, Birkirkara, ikkomettew serq ta' oġġetti minn vettura tal-għamla Toyota Vitz, bin-numru tar-reġistrazzjoni ECZ 882, għad-dann ta' Elaine Claire

Zerafa, liema serq hu kkwalfikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur, liema valur hu iktar minn Lm100 iżda anqas minn Lm1,000, u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;
b. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' vettura Toyota Vitz, bin-numru tar-reġistrazzjoni ECZ 882, liema ħsara ma tiskorrix il-ħamsin liri maltin (Lm50) għad-dannu tas-sid Elaine Claire Zerafa;
c. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi f'dawn il-Gżejjer, xjentement laqgħu għandhom jew xtraw ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indaħlu biex ibiegħuhom jew imexxuhom;
lil David Joseph Gauci, waħdu –
d. talli sar reċidiv b'sentenza li saret definittiva tal-Qorti tal-Maġistrati tal-4 ta' novembru, 2005 fejn ġie mogħti tlett snin probation u sentenza oħra li saret definittiva mill-Qorti tal-Maġistrati tad-19 ta' ottubru, 2006 fejn ġie kkunndannat għal piena ta' sentejn priġunerija sospiżi għal erba' snin;
e. talli għamel reat waqt li kien taħt is-supervizjoni ta' probation officer, waqt
ordni ta' probation;
f. talli għamel reat waqt li kien taħt sentenza sospiża;
lil Etienne Micallef, waħdu –
g. talli sar reċidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati li saret definittiva fit-22 ta' marzu, 1993 fejn ġie mogħti sena probation, kif ukoll b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tal-4 ta' novembru, 2005 fejn ġie mogħti tlett snin probation u sentenza oħra tal-Qorti tal-Maġistrati li saret definittiva fis-16 ta' ottubru, 2006 fejn ġie mogħti tlett snin probation;
h. talli għamel reat waqt li kien taħt supervizjoni ta' probation officer wat ordni ta' probation;
i. talli kiser kondizzjoni tal-Qorti meta għamel reat waqt perjodu ta' probation.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' novembru, 2006 fejn il-Qorti ġiet infurmata li l-ħsara li għamlu l-imputati hi ta' Lm19.75.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' novembru, 2006 fejn l-imputati ammettew l-akkużi miġjuba kontra tagħhom.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputati dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputati ħatja tat-tielet akkuża migjuba kontra tagħhom u għalhekk tilliberhom minn tali akkuża. Issibhom ħatja tal-akkużi l-oħra kollha miġjuba kontra tagħhom.
Fil-konfront ta' **Priviledge k/a Stephen Mupimhidzi**. Rat l-artikoli 261(a)(b)(ċ)(g), 262(1)(b), 263(a), 267, 271(g), 277(b) u 325(1)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali. Rat il-fedina penali netta u l-ammissjoni tiegħu fl-ewwel seduta. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum.
Fil-konfront ta' **David Joseph Gauci**. Rat l-artikoli 261(a)(b)(ċ)(g), 262(1)(b), 263(a), 267, 271(g), 277(b) u 325(1)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah għal sena priġunerija. Rat is-sentenza tad-19 ta' ottubru, 2006 fejn ġie ikkundannat għal piena ta' sentejn priġunerija sospiżi għal erba' snin. Rat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena tibda sseħħ mil-lum.
Fil-konfront ta' **Etienne Micallef**. Rat Rat l-artikoli 261(a)(b)(ċ)(g), 262(1)(b), 263(a), 267, 271(g), 277(b) u 325(1)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah għal piena ta' erbatax il-xahar priġunerija.
Tirrakomanda lid-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin li fil-konfront ta' David Joseph Gauci u ta' Etienne Micallef jagħti l-għajnuna kollha meħtieġa biex jegħlbu d-dipendenza tagħhom mill-vizzju tad-droga.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------